TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 16

L-Erbgha, 1 ta' Ottubru, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi u l-Kunsillieri, Colin Bowman, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Ryan Douglas Tanti informa li kien ma jiflahx u ghalhekk gie skuzat.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 15 li saret nhar l-Erbgha, 3 ta' Settembru, 2025, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Kunsillier Ryan Douglas Tanti informa li kien ma jiflahx u ghalhekk gie skuzat.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Minn Pjazza ghal Pjazza***. Is-Sindku informa li minhabba l-maltemp, l-attivita` Minn Pjazza ghal Pjazza, kienet giet posposta ghat-22 ta' Novembru.

3.2 ***Clean Up***. Is-Sindku informa li l-attivita` tal-clean up kienet saret u stenna li kien se jkun hemm aktar parteċipazzjoni, anki mill-membri tal-Kunsill.

4 KORRISPONDENZA

4.1 ***Alighting/Boarding quddiem Mickey's fi Triq l-Ursolini***: Din in-nursery fi Triq l-Ursolini giet mitluba mid-Divizjoni tal-Edukazzjoni sabiex taghmel parkeġġ ghal *Alighting/Boarding* quddiem in-*nursery* taghhom. Kien hemm qbil unanimu li dan ghandu jsir.

4.2 ***Snack Bar, Triq Bordin k/m Triq l-Ursolini***: Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Perit ta' dan il-hanut sabiex isiru modifikazzjonijiet fuq barra tal-hanut u b'hekk jiġi aċċessibbli wkoll ghal nies li jużaw siġġu bir-roti.

Il-Kunsillier Grech qal li f'din il-pjazza hemm xi hmieg li jrid jitnaddaf u xi xoghol li jrid isir. Is-Sindku qal li hu diġà tkellem mat-Tourism Zones Regeneration Agency u ser jaghmlu ix-xoghol huma u l-Kunsill ihallas il-materjal.

Il-Kunsillier Grech qal ukoll li hemm il-culvert mahmug. Is-Sindku u kkonfermat mill-Vici Sindku, qallu li dan il-post jitnaddaf mill-haddiema tal-Kunsill kważi kuljum. Se jitnaddaf dan il-culvert ukoll.

5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

5.1 **Zbir tas-sigar tax-Xatt**: Is-Sindku qal li dwar iz-zbir ta' dawn is-sigar, Ambjent Malta kienu infurmaw lill-Kunsill li TM mhux qed tohorgilhom permessi minhabb l-progett ta' Msida Creek. Il-Kunsill qieghed f'kuntatt ma' Ambjent Malta sabiex dawn isiru.

5.2 **Kalendarji mir-Regjun**: Is-Sindku informa li r-Regjun kien se jerga' jaghmel kalendarji ghas-sena l-gdida u se jinghataw lill-Kunsilli sabiex iqassmuhom.

5.3 **Regional Sportsday tal-iskejjel**: Is-Sindku informa li fit-23 ta' Ottubru ser ikun hemm ir-Regional Sports Day tal-iskejjel.

5.4 S**oft areas ta madwar il-funtana ta' Pjazza Madonna ta' Fatima**: Is-Sindku informa li l-bicca soft area zghira li hemm bil-hamrija madwar il-funtana kienet qed thammeg l-ilma tal-funtana kull darba li tissaqqa jew tinzabar. Ghalhekk din se titnehha u minflok issir bil-konkos u jinxtraw tmien pots kbar.

5.5 **Bye-law**: Is-Sindku informa li l-process sabiex tiġi emendata l-bye-law dwar it-tlajjar fi u madwar Pjazza San Luqa kien inbeda iżda l-process huwa wiehed twil.

5.6 **Electric Van**: Is-Sindku informa li biex jinxtara van gdid electric, trid tinhareg sejha ghall-offerti. Il-Kunsill se jkun qed jara jekk jistghux jintużaw il-fondi tad-DPF ghal dan. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.7 **MC Triq id-Duluri**: Is-Sindku qal li hemm talba sabiex jitnehha MC bay li hemm fi Triq id-Duluri. Huwa qal li dan jintuża hafna u ghalhekk gie propost li jkun ahjar jekk jitressaq fit-tarf tat-triq, kantuniera ma' Triq San Guzepp, bl-approvazzjoni ta' TM. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.8 **Workshop fuq l-AI mir-Regjun**: Is-Sindku informa li r-Regjun kien se jaghmel workshop fuq l-AI nhar it-3 ta' Novembru. Min hu interessat li jattendi, ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv.

6 MISTOQSIJIET

6.1 Il-Kunsillier Grech semma siġra tal-ficus li kibret b'mod esaġerat fi Triq Zammit Clapp. Is-Sindku wieġeb li din qeghdha f'post privat u l-Kunsill m'ghandux informazzjoni dwar ta' min hu il-post.

6.2 Il-Kunsillier Grech semma l-htiega ta' tindif tal-isprall ta' quddiem Blackley. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li l-ispralli kollha kienu se jkunu mnaddfa, inkluż dan.

6.3 Il-Vici Sindku staqsa dwar kif baqghet l-issue tal-grif tat-tarmac ta' Triq Zammit Clapp. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li l-kuntrattur Central Asphalt, wara hafna talbiet, ghadu m'ghaddiex l-istima tax-xoghlijiet li hemm bżonn lill-Kunsill sabiex din tiġi mghoddija lill-pulizija kif mitlub. Huwa qal li kien se jerga' jitlob ghal darb'ohra din l-istima u f'kaz li ma tiġix, kien se jinforma lill-pulizija b'dan u b;hekk jiehdu huma l-passi li jidrilhom li ghandhom jiehdu.

6.4 Il-Vici Sindku staqsa dwar Reserved Parking ghad-disabled fi Triq id-Duluri, fil-parti quddiem il-flats tal-Housing. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li din kellha tinqaleb minn TM minn wahda personalizzata ghal wahda communal. Qal li kien se jiċċekkja ma' TM biex jara fiex waslet.

7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

7.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 15. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

8. TMIEM

8.1 Fis-6.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 5 ta' Novembru, 2025, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku